MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 428/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Robert Farrugia**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Robert Farrugia [detentur tal-karta tal-identita` numru 494866M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana:

a. talli fis-27 ta' Lulju, 2006, wara intervent u tfittxija li saru mill-Ufficjali tad-Dwana fil-hanut bl-isem Alfons, Triq Manuel Magri, Hamrun, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu u/jew depożitati għandu, u kif ukoll espona ghal bejgħ xorb alkoholiku bla dazju, liema xorb inqabad bin-Nota ta' Qbid 2/2009, u dan fi kwantita` kif jidher hawn taht:

5 fliexken ta' 70cl Boonkamp Bitter

4 fliexken ta’ 70cl Marie Brizard Liquor
1 flixkun ta’ 1125ml Woodstock Bourbon

b. wkoll talli fl-istess data fuq imsemmija, wara li saru aktar tfittxijiet mill-istess Ufficjali tad-dwana, fl-istore li jinsab f’numru 14, Triq Guze Maria Camilleri, Hamrun, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu u/jew depozitati ghandu, u kif ukoll espona għal bejgħ alkoholiku bla dazju, liema xorb inqabad bin-Nota ta’ Qbid fuq imsemmija, u dan fi kwantita’ kif jidher hawn taht:

11-il-kaxxa bi 12 il-flixkun kull kaxxa ta’ 1ltr J&B Scotch Whisky
10 fliexken ta’ 1ltr J&B Scotch Whisky
2 kaxxi bi 12-il flixkun kull kaxxa ta’ 1ltr Smirnoff Vodka
9 fliexken ta’ 1ltr Smirnoff Vodka
1 kaxxa bi 12 il-flixkun ta’ 70cl Smirnoff Vodka
6 fliexken ta’ 70cl Gordon’s Gin
18 il-flixkun ta’ 70cl Bacardi
8 fliexken ta’ 70cl J&B Scotch Whisky
2 fliexken ta’ 70cl Johnny Walker
1 flixkun ta’ 70cl Pernod
1 flixkun ta’ 70cl Famous Grouse

Dan ix-xorb alkoholiku, li l-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, ghandu valur totali ta’ €1,238.27, Dazju tas-Sisa dovut ta’ €1,972.23 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) ta’ €577.89, liema Dazju u Taxxa ma kinux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Akkuzat ukoll, fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax,

c. Talli fis-27 ta’ Lulju, 2006, wara intervent u tfittxija li saur mill-Ufficjali tad-Dwana fil-hanut bl-isem Alfons, Triq Manuel Magri, Hamrun, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu u/jew depozitati ghandu, u kif ukoll espna ghal bejgh xorb alkoholiku bla dazju, liema xorb inqabad bin-Nota ta’ Qbid 2/2009, u dan fi kwantita kif jidher hawn taht:

5 fliexken ta’ 70cl Boonkamp Bitter
4 fliexken ta’ 70cl Marie Brizard Liquor
1flixkun ta’ 1125ml Woodstock Bourbon

d. d. wkoll talli fl-istess data fuq imsemmija, wara li saru aktar tfittxijiet mill-istess Ufficjali tad-dwana, fl-istore li jinsab f’numru 14, Triq Guze Maria Camilleri, Hamrun, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu u/jew depozitati ghandu, u kif ukoll espona ghal bejgh alkoholiku bla dazju, liema xorb inqabad bin-Nota ta’ Qbid fuq imsemmija, u dan fi kwantita’ kif jidher hawn taht:

11-il-kaxxa bi 12 il-flixkun kull kaxxa ta’ 1ltr J&B Scotch Whisky
10 fliexken ta’ 1ltr J&B Scotch Whisky
2 kaxxi bi 12-il flixkun kull kaxxa ta’ 1ltr Smirnoff Vodka
9 fliexken ta’ 1ltr Smirnoff Vodka
1 kaxxa bi 12 il-flixkun ta’ 70cl Smirnoff Vodka
6 rfliexken ta’ 70cl Gordon’s Gin
18 il-flixkun ta’ 70cl Bacardi
8 fliexken ta’ 70cl J&B Scotch Whisky
2 fliexken ta’ 70cl Johnny Walker
1 flixkun ta’ 70cl Pernod
1 flixkun ta’ 70cl Famous Grouse

Dan ix-xorb alkoholiku, li l-importazzjoni u l-pussess tieghu huwa pprojbit u/jew ristrett u/jew limitat, ghandu valur totali ta’ €1,238.27, Dazju tas-Sisa dovut ta’ €1,972.23 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) ta’ €577.89, liema Dazju u Taxxa ma kinux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tronda wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 16(1)(j) tal-Kap 382 ikkundannatu multa ta' euro elfejn minn liema terz ghandu jitqies bhala dejn civili u jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana u lliberatu mill-bqija.

Rat ir-rikors **tal-appellant** pprezentat fis-27 ta' Ottubru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma is-sentenza appellata billi tirrevokha f'dik il-parti fejn sabitu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 16(1)(j) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382) limitatament ghall-ghaxar fliexken xorb li nstabu fil-hanut bl-isem "Alfons", Triq Manwel Magri, Hamrun u kkundannatu multa ta' elfejn euro (€ 2,000) u tikkonfermha fil-bqija.

Rat ir-rikors **tal-Avukat Generali** pprezentat fl-1 ta' Novembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tvarja is-sentenza appellata billi:

a) tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Robert Farrugia ħati taħt il-Kap 382 fir-rigward ix-xorb li nstab fil-ħanut tiegħu;

b) tikkanċellha f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat appellat Robert Farrugia u minflok issibu hati taht il-bqija ta' l-imputazzjonijiet u tinfliggi fuqu l-piena jew pieni fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet skont il-ligi.

c) Bhala talba sussidjarja tordna l-konfiska tax-xorb li fuqu nstabet htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-**aggravji tal-appellant**, huma s-segwenti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li ma hemm assolutament ebda prova li l-esponent kien b'xi mod xjentement involut f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni tad-dazju tas-sisa. L-esponent spjega, darba, darbtejn, li x-xorb in kwistjoni (għaxar fliexken) kienu fliexken antiki li kienu baqghu fil-hanut. Naturalment fiz-zmien li dawk il-fliexken kienu gew akkwistati, is-sistema tat-tikketta ma kinitx ghadha daħlet fis-seħħ. Id-ditti ta' dan ix-xorb – Boonkamp Bitter, Mari Brizard Liquor u Woodstock Bourbon – huma wkoll indikattivi ta' dan il-fatt inkwantu huma ditti li ilhom diversi snin nieqsa mis-suq lokali.

Illi jingħad ukoll bl-akbar rispett li lanqas ma jaghmel sens li persuna tigi lliberata mill-akkuzi taħt l-Ordinanza tad-Dwana iżda tinsab hatja ta' evazjoni tad-dazju tas-sisa. Ma hemm assolutament xejn fl-atti proċesswali li jista` b'xi mod iwassal ghas-sejbien ta' htija fir-reat kontemplat fl-artikolu 16(1)(j) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa. Il-prova trid issir mill-prosekuzzjoni u mhux biss ma saritx izda qatt ma setghet issir in kwantu l-ispjegazzjoni mogħtija mill-esponent hija l-unika waħda plawsibbli u verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-akkuza relatata ma' l-artikolu 16(1)(j) ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa hija fi kwalunkwe kaz manifestament preskritta. A parti mill-fatt li c-citazzjoni harget fl-10 ta' Marzu, 2009 u t-tfittxija saret tlett snin qabel, ma ngabet ebda prova ta' meta l-esponent kien allegatament involut f' xi evazjoni jew tentattiva ta' evazjoni tad-dazju tas-sisa.

Rat l-aggravji ta' l-Avukat Generali li  huma is-segwenti:

1) Il-Qorti tal-Magistrati ikkunsidrat li x-xorb li nstab fil-mahzen, ossia aktar minn mitejn flixkun kien xorb li nxtara mill-erba` diretturi u l-familja fi kwota bla dazju meta dawn l-istess nies kienu jsiefru. Il-Qorti qalet li ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen lill-imputat meta ikkonsidrat l-ammont ta' xorb li persuna hija ntitolata iddahhal maghha. Id-dokument esebit mill-imputat huwa prova fih innifsu tas-safar li sar fis-sena 2006.

Illi bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Qorti din il-konsiderazzjoni ma hix kondivisa mill-esponenti. Id-dokument esebit ma jaghmel ebda prova. Fl-ewwel lok il-kontenut tieghu qatt ma gie ikkonfermat minn rapprezentant tal-Virtu Ferries jew mill-awtur tieghu Alison Mifsud. Fit-tieni lok *dato ma non concesso* wieħed jista` jikkonsidra dan id-dokument bhala prova ta' safar, b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma tista` imma tikkonsidrah li huwa prova ta' xiri ta' xorb alkoholiku.

Illi l-ammont ta' xorb misjub u c-cirkostanzi ta' kif instabu juru wkoll bic-car li dan ix-xorb kien xorb li ma ddaħħalx minn safar personali ta' l-imputat jew tal-familja tieghu.

Illi l-ebda direttur tal-kumpanija kif ukoll ebda membru tal-familja ma ikkorrobora din il-linja difensjonali. Ħlief l-imputat ħadd ma xehed li xtara flixkun wieħed minn dan ix-xorb meta kien imsiefer. Jew biex inkun aktar preciz hadd ma xehed li xtara kaxxa xorb meta siefer permezz tal-katamaran.

Illi l-esponenti fuq dan l-istess sfond jixtieq jaghmel sottomissjoni. Meta persuna tixtri minn mitjar jew port ma tixtrix bil-kaxxi. Gie pruvat ampjament li wħud minn dawn il-flixken li nstabu kienu għadhom fil-kaxxi ppakkjati. Fl-ajruport jew fil-portijiet l-aktar li tixtri flixkun jew tnejn u mhux kaxxa ta' tnax il-flixkun.

Illi ghalhekk ma hux verosimili li dan ix-xorb inxtara bil-mod u manjiera li sostna l-imputat. Jaghmel aktar sens fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz li dan ix-xorb inxtara mill-imputat u kien hemm fuqu dovut id-dazju u l-VAT. L-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkonsidra dan il-fatt tant importanti u kienet zbaljata fir-ragunijiet tal-provi meta illiberat l-imputat fuq dawn il-fatti.

2) Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-liberazzjoni ta' l-imputat minn l-akkuzi relatati mal-Kap 406 u 37. Il-Qorti tal-Magistrati kienet tal-fehma li l-imputat ma kellu 'ebda gustifikazzjoni dwar u fil-konfront ta dawn l-ghaxar fliexken li nstabu fil-ħanut nieqsa il-boll tas-sisa…'. Ghalhekk sabet htija fl-akkuzat stante li fil-konfront ta' dawn l-ghaxar

fliexken li gew elevati mill-hanut l-imputat kien b'xi mod xjentement involut f'xi evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni tad-dazju tas-sisa. Nonostante din il-konsiderazzjoni, il-Qorti sabet biss htija taħt l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382) u mhux taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406) u taħt l-Ordinanza tad-Dwana.

Illi fil-fehma ta' l-esponenti, la l-Qorti sabet htija li l-imputat b'xi mod evada d-dazju tas-sisa fuq ix-xorb alkoholiku misjub fil-hanut u dan ix-xorb instab fil-pussess tieghu allura awtomatikament il-Qorti kellha ssib htija kemm taħt l-Ordinanza kif ukoll taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Illi dan qieghed jinghad peress li jekk id-dazju fuq is-sisa ma jkunx thallas lanqas l-ammont dovut tal-VAT ma jkun.

Illi l-ħtija taħt l-Ordinanza hija wkoll pruvata bl-aktar mod car. L-imputat gie akkuzat bil-ksur ta' l-artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-Provizo ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza. L-esponenti umilment jissottometti li gie pruvat ampjament li l-imputat kiser is-subartikolu (f) u (g) ta' l-Ordinanza u dan bis-semplici fatt li kien fil-pussess ta' dan ix-xorb li fuqu ma thallas l-ebda dazju tas-sisa. Il-fatt biss li xjentement tkun fil-pussess ta' dawn il-fliexken tax-xorb jew li xjentement tilqa` ghandek dawn l-oggetti hija bizzejjed biex tissodisfa l-vot tal-ligi.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz apparti l-multa imposta kellu wkoll jigi applikat il-paragrafu (a) tal-Kap 37 u tigi imponuta piena ta' priġunerija mandatorja.

3) Illi l-ahhar aggravju liema aggravju qiegħed isir mingħajr preġudizzju għall-ewwel tnejn, huwa wiehed semplici. Il-Qorti apparti l-piena kellha wkoll tordna l-konfiska ta' dawn l-ghaxar fliexken ai termini ta' l-artikolu 17(1)(d) tal-Kapitolu 382.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Rat in-Nota konġuntiva mill-partijiet in segwitu għall-verbal tat-8 t'ottubru, 2012 fejn il-partijiet qablu li l-ammont ta' dazju u s-sisa fuq l-l-għaxar fliexken li kienu jinsabu fil-ħanut ġewwa Triq Manuel Magri l-Hamrun jammontaw għal total ta' €58.80 u l-Vat fuq l-istess jammonta għal 24.80 Ewro. Tali somma ġiet maduma b'referenza għan-Nota ta' Qbid li tinsab a fol 18 tal-atti proċesswali. Il-partijiet qablu wkoll li, minħgajr preġudizzju għall-aggravji rispettivi tagħhom, filwaqt li jirrelevaw illi d-diċitura wżata fiċ-ċitazzjoni ma hix riflessa eżattament fil-liġi, qegħdin jaqblu li ssir referenza għall-artikolu 16(j) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta'Malta.

Ikkunsidrat

Iż-żewġ appelli qegħdin jallegaw nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-provi. Kif ġie ritenut f'diversi sentenzi, il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tkun "unsafe and unsatisfactory".

Ghalhekk l-ezami li ghandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konkluzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setgħetx ukoll tasal ghaliha fuq il-provi li kellha quddiemha. [1]

Ghalhekk din il-Qorti għamlet ezami approfondit tal-fatti biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz. F'dan il-każ appella l-Avukat Ġenerali u qal li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi partikolarment iżda mhux esklussivament dwar it-tieni imputazzjoni waqt li l-appellant/imputat, apparti aggravju dwar il-preskrizzjoni fejn hija involuta s-sisa, qajjem l-istess problema dwar l-ewwel imputazzjoni (dik immarkata (a) u (ċ) fiċ-ċitazzjoni.

[1] Ara l-Pulizija vs Brian Caruana (Qorti tal-Appell Inferjuri) 23.05.2002

Mix-xhieda traskritti jirriżulta dan li ġej:

(a) Xehed Carmel Attard li qal fis-27 ta’ Lulju 2006 kien mar jagħmel tfittxija fil-ħanut Alsons fi Triq Manuel Magri l-Hamrun. Flimkien ma’ żewġ uffiċjali oħra elevaw għaxar fliexken tax-xorb ta’ ditti varji li ma kellhomx it-tikketta tas-sisa mwaħħla fuqhom. Il-konċentrament tal-alkoħol kien ta’ aktar minn 25%. Dawn kienu elevati minn xkafef u kienu esposti għall-bejgħ.

Saret it-tieni tfittxija din id-darba f’garage numru 14 Ġuże’ Maria Camilleri, Hamrun minn fejn inġabar aktar xorb alkoħoliku li ma kellux it-tikketta fuqu. L-appellant kien ħadhom f’diversi proprjetajiet oħra iżda t-tfittxija kienet pożittiva biss fil-garage ta’ 14 Guże’ Maria Camilleri, Hamrun.

L-imputat/appellant ma kellux fatturi tax-xogħol.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-ħanut huwa kbir u jbigħ biss xorb alkoħoliku. Mill-ħanut kollu individwalizzaw għaxart ifliexken biss mingħajr d-dazju tas-sisa. Il-ħanut huwa ffrekwentat minn ħafna nies. Huma sabu xorb alkoħoliku ta’ marka u għamliet differenti minn dawk l-10 li ġew elevati.

Id-dokumenti a fol 25 u 26 juru lista ta’ fliexken li kienu elevati (a) mill-ħanut u (b) mill-garage.

It-tieni xhud kien Philip Spiteri uffiċjal tad-Dwana wkoll. Huma kienu vverifikaw xkaffa, xkaffa u sular sular ta’ dan il-ħanut kbir. Huma sabu biss għaxart ifliexken mingħajr it-tikketta. Huma staqsew jekk l-appellant kellux propjeta’ oħra u hu stess indikalhom postijiet oħra. Huwa kkonferma li kienu ġabru ‘l fuq minn mitejn flixkun bla tikketta mill-garage u li kienu marru f’diversi mħażen u ma sabu xejn.

It-tielet xhud kien uffiċjal tad-dwana ieħor li kkonferma dak li qalu l-ewwel żewġ xhieda.

Xehed l-Ispettur Abdilla li ta żewġ dati differenti it-13 ta' Lulju 2006 u s-27 ta' Lulju 2006 ta' meta saru t-tfittxijiet u ta lista tax-xorb li kien nstab mingħajr tikketta. Iċ-ċitazzjoni tirrigwarda dak li seħħ fis-27 ta' Lulju 2006 biss. (Ara wkoll il-listi ta'withheld items a fol 25 u 26 u l-ewwel vers fil-kontro-eżami tal-appellant a fol-47 fejn jgħid li fuq is-37 flixkun kienu ddeċidew li jissaldaw mal-Kontrollur tad-Dwana).

**L-Istqarrija tal-appellant**

Fl-istqarrija tiegħu tas-26 ta' Settembru 2006, l-appellant qal li l-enforcement officers marru fil-ħanut fis-27 ta' lulju 2006 għal ħabtu tat-8.00 am u sabu xi għaxart ifliexken mingħajr tags. Huwa qal li dan kien xogħol antik u għalhekk ma kellux irċevuti. Seta' wkoll biddilhom 'il xi ħadd.

Dak in-nhar stess l-appellant ha lill-uffiċjali f'xi erba' jew ħames garaxxijiet. Fil-garage fejn sabu l-fliexken huwa kien ħadhom minn rajh għax lanqas kienu jafu bih. Il-garage huwa mikri għand l-appellant tliet xhur, tliet xhur u kellu fih maħżun xi ikel minħabba li kien qed jagħmel xi xogħol fil-ħanut. Dwar ix-xorb misjub l-appellant qal hekk:

*'Ix-xorb li huma sabu kien għall-użu personali tiegħu u tal-familja tiegħu u tad-diretturi l-oħra tal-kumpanija u tal-familji tagħhom. Id-diretturi l-oħra huma l-erba' ħuti l-oħra u missieri. Dan ix-xorb aħna nniżżluh ftit, ftit skont il-kwota personali li għandha kull persuna li tiġi Malta u dan nixtruh kull darba li nsiefru. Aħna ġieli sifirna tliet darbiet fil-ġimgħa. Dan ix-xorb nużawh biss għall-użu personali tagħna* ***u ma sabux bħalu la fil-ħanut u lanqas espost fuq l-ixkafef****. Infatt fl-istess garage jiena ma nżomm ebda tip ta' xorb ieħor li jiena nbiegħ.'*

Imbagħad kien mistoqsi għala kien qed iżomm dan ix-xorb fil-garage. Huwa qal li l-area tal-area tal-ħanut tagħhom hija l-iktar post ċentrali fejn huma d-diretturi jiltaqgħu għax min joqgħod Ħ'Attard, min joqgħod il-Fgura u missieru joqgħod il-Hamrun. Lilhom tiġihom irħas li jġibu l-kwota personali tagħhom milli jixtruh mill-ħanut tagħhom stess.

Il-policy tagħhom hija li jekk jieħdu oġġett mill-ħanut iridu jħallsu għalih. Ix-xorb huwa jixrih minn fejn isib l-irħas. Minn barra, flixkun whiskey ġieli xtrah 7 jew 8 Euros. Dan jiġi kważi nofs il-prezz li jinxtara mill-ħanut. Huwa tenna li x-xorb tal-maħżen ma kienx għall-bejgħ u li kemm kienu ilhom armati bil-ħanut – xi tletin sena – qatt ma sabulhom xi ħaġa li kienet bil-kutrabandu. L-appellant qal li ma jistax jagħmel affarijiet bħal dawn għaliex hemm il-liċenzja tal-ħanut u xogħlu u xogħol il-ħaddiema tiegħu fin-nofs. Lanqas kien hemm għalfejn jagħmel xi settlement mad-dwana għax dawn kienu affarjiet li kienu qegħdin għandu bi dritt.

Xehed ukoll is-sur Lawrence Sammut li kien l-uffiċjal li għamel l-sitima tax-xorb u esibixxa d-dokument relattiv a fol 39.

**Xhieda difiża**

L-appellant xehed fil-15 ta' Marzu 2011 u esibixxa Dok RF1, RF2, u RF3. Il-Prosekuzzjoni eżentat li jitla'x-xhud in konnessjoni ma' Dok RF 3.

L-appellant esibixxa żewġ dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' xogħol li jikkonsisti f'xorb li s-soċjeta' tixtri mil-lokal. Id-dokument RF1 juri x-xiri ta' xorb u inbid għas-sena 2010 waqt li d-dokument RF2 juri x-xiri ta' xorb għas-sena 2011. Il-persentaġġ tax-xorb huwa bejn wieħed u ieħor l-istess bħal dak tas-sena 2006. L-appellant qal li hu qatt ma nvolva ruħu fl-iżbark tal-merkanzija. Kien hemm xorb li ma kienx impurtat mis-soċjeta'. Kien hemm fliexken li kienu ilhom hemm minn meta l-missier kien imexxi s-soċjeta' u l-missier issa kien ilu li żarma tnax-il sena.[2]

Il-proċedura tat-tikketta bdiet xi tliet xhur qabel ma saru t-tfittxijiet (Madwar April 2006). Dwar l-għaxart ifliexken bla tikketta misjuba fil-ħanut u imsemmija fiċ-ċitazzjoni – dawn kienu antiki u dettalji dwar dawn il-fliexken is-

[2] B'kalkolu żgħir dan iwassal għas-sena 1999.

soċjeta' m'għandhiex. **Kienu diġa' hemm meta l-missier kien jiġġestixxi n-negozju.**

Fil-maħżen kien hemm karozza, platti tal-plastik, affarijiet personali u imbarazz. Ma kien hemm l-ebda oġġett f'dan il-maħżen li kien jinsab għall-bejgħ. Verament li kien hemm aktar minn 200 flixkun tax-xorb izda dawn kienu fliexken li kienu jġibu l-ħames diretturi għall-użu personali kull darba li jmorru Sqallija. Dawn il-fliexken kienu jintużaw għall-użu personali tad-diretturi.

Hawn huwa esibixxa dok RF3 li kienu pprovdew il-Virtu Ferries biex juru kemm sar safar min-naħa tas-soċjeta' fis-sena 2006. Huma kienu jmorru Sqallija ta' spiss għax minn hemm kienu jġibu l-ilma, xi sapun u xi affarijiet tal-ikel. Kienu jsiefru għal dan il-għan xi tliet darbiet fil-ġimgħa. Illum naqqsu għax qed isibu prezzijiet vantaġġjużi lokalment.

Hawn l-appellant qal li kien jiftakar x'qal fl-istqarrija u kkonfermha. Huwa qatt ma kellu problemi mad-dwana. U lanqas ma kellha problemi s-soċjeta'.

Fil-kontro-eżami huwa kien mistoqsi minn fejn kienu jġibu x-xorb fis-sena 2006. Huwa qal li x-xorb kien jinġab lokalment. **Fil-maħżen qatt ma nżamm xorb li kien intiż għall-bejgħ**. Ix-xorb li kien hemm kien dak li kienu jġibu hu u d-diretturi l-oħra fil-limitu tal-liġi. Għalihom kien aktar jagħmel sens li x-xorb jinżamm fil-Hamrun milli joħduh id-dar. Huma kienu jikkunsmaw dan ix-xorb u mhux dak tal-ħanut għaliex kien hemm differenza fil-prezz . Dak li kien permess iġġib bħala xorb minn barra ma kontx tħallas l-import governattiv għalih. Dak li kienu jixtru minn Sqallija kellu l-boll Taljan. Ġol-ħanut ma kien hemm l-ebda xorb bil-boll ta' barra.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Is-Sejba ta' Fliexken fil-Post fi Triq Ġuże' Maria Camilleri il-Hamrun.**

Dwar is-sejba ta' fliexken fil-post numru 14 Triq Ġużè' Maria Camilleri, il-Qorti tal-Maġistrati mmotivat is-sentenza tagħha kif ġej:

*' Mhux hekk pero' dwar ix-xorb li nstab fil-ħażen. Fir-rigward, l-imputat stqarr li dan kien xorb li l-erba' diretturi u l-familji tagħhom kienu man mano jniżżlu minn safar li huma kienu jagħmlu ta' spiss fil-limiti tal-kwota bla dazju li kull persuna hija intitolata ddaħħal magħha. F'dan ir-rigward il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex temmen lill-imputat meta kkonsidrat l-ammont ta' xorb li persuna hija intitolata ddaħħal magħha. Id-dokument esebit mill-imputat huwa prova fih innifsu tas-safar li sar fis-sena 2006. Lanqas ma nġabet prova mill-prosekuzzjoni kif kienu l-ambjenti tal-maħżen jew ukoll dwar kif kien stivat ix-xorb li nstab fih u li jidher li fil-maġġor parti tiegħu kien sfuż. Għaldaqstant, u fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li xehed l-imputat b'referenza għall-maħżen li kien jinħażnu fih affarijiet personali u mbarazz għandu mill-versosimili. Il-pożizzjoni kienet tkun differenti kieku x-xorb kien għall-bejgħ jew intiż li jinbiegħ, ħaġa li lanqas il-prosekuzzjoni mkien ma allegat.'*

L-Avukat Ġenerali ma qabilx mal-Qorti tal-Maġistrati dwar l-apprezzament tagħha tal-fatti. Huwa qal li d-dokument RF3 ma kienx ikkonfermat minn xi xhud tal-Virtu Ferries. Iżda fil-verbal tal-15 ta' Marzu 2011, il-Prosekuzzjoni kienet eżentat lid-difiża milli ittella' xhud għal dan il-għan. (fol 43). L-Avukat Ġenerali insista li kellha ssir il-prova kif iddaħħal ix-xorb.

Il-Qorti fliet b'attenzjoni d-dokument li taw il-Virtu Ferries dwar is-safar li għamlet is-soċjeta' bejn is-sena 2006 u 2010. Sat-22 ta' Diċembru, 2006, is-soċjeta' kienet għamlet 36 safra matul is-sena u mill-10 ta' Marzu, 2006 u sas-27 ta' Lulju 2006 kienu saru 14-il safra. L-infieq f'safar għal dik is-sena kien ta' €30,382.02 kif ħadmet il-kalkoli din il-Qorti bejn bilanċ, krediti u debiti. Skont l-appellant, is-safar beda jonqos meta bdew isibu prezzijiet favorevoli fis-suq Malti.

L-appellant qal li x-xorb li nstab fil-maħżen kien kollu miġjub minn Sqallija skont l-ammont li tħallik iġġib il-Liġi. Issa l-Qorti tal-Maġistrati kellha ċ-ċans li tara lix-xhud jixhed. Din il-Qorti qrat l-istqarrija diversi drabi kif ukoll wiżnet sew dak li qal l-appellant fuq il-pedana tax-xhieda. Wara li qrat it-transcript u qieset elementi oħra, il-Qorti tħoss li l-Qorti tal-aġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni tagħha dwar it-tieni imputazzjoni (it-tfittxija f'numru 14, Triq Ġuże Maria Camilleri, Hamrun, raġonevolment u legalment. Dan huwa każ ta' apprezzament tal-fatti. Is-safar xi drabi kien isir minn aktar minn persuna waħda, u hemm ammonti għall-biljetti ta' 423, 774, 895, 1233, 2300 (kollha fl-ewwel sitt xhur) li jindikaw dan. **Għalhekk, dejjem fuq livell ta' probabilita',** jista' jkun li flimkien ma' safar li kien isir fis-sena 2006 jew fis-snin ta' qabel wassal biex ikun hemm dawk il-fliexken fil-maħżen.

L-Avukat Ġenerali jissottometti li min jixtri jġib miegħu flixkun jew tnejn u mhux kaxxa u li d-dokument huwa prova tas-safar u mhux li nġab ix-xorb. Dwar l-ewwel sottomissjoni, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li x-xorb fil-maġġor parti kien sfuż u li ma nġabitx prova dwar l-ambjent tal-maħżen. Matematikament din il-Qorti sabet li hemm 55 flixkun sfuż u 168 li jinsabu f'kaxxi. Mill-provi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti mhux faċli li tgħid il-kaxxi kinux importati bħala kaxxi sħaħ jew inġabrux f'kaxxi fliexken tal-istess xorb alkoħoliku. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati il-fliexken kienu esibiti biss formalment. Waqt it-trattazzjoni id-difiża tat ukoll spjegazzjoni għala setgħu kienu kaxxi sħaħ. Il-Qorti għalhekk ma tistax teskludi li dawn iddaħħlu waqt is-safar ta' sikwit tad-diretturi – dejjem fil-limiti li ttik il-liġi.

Dwar it-tieni sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali, li d-dokument huwa prova tas-safar u mhux tax-xiri tax-xorb, dan huwa sa ċertu punt veru. Iżda fil-prattika huwa magħruf li ħafna vjaġġjaturi jieħdu vantaġġ u, jekk jaraw li jistgħu jixtru xi xorb li jkun bi prezz vantaġġjuż, dan jagħmluh.

Iżda barra mid-dokument dwar is-safar u barra minn din id-drawwa, wieħed irid iqis prova oħra – x-xhieda bil-

ġurament li ta l-appellant dwar x'ġara. Il-provi jistgħu jsiru bid-dokumenti u jistgħu jsiru mezzi oħrajn, fosthom bix-xhieda. Il-liġi tgħid li xhud, wieħed jekk emmnut, huwa biżżejjed. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li din ix-xhieda, fejn tidħol it-tieni imputazzjoni,(dik dwar it-tfittxija f'numru 14 Triq Ġużè' Maria Camilleri, il-Hamrun)- hija attendibbli.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li ħadd mid-diretturi ma xehed biex jikkorobora dak li xehed l-appellant. Iżda dwar din is-sottomissjoni wieħed irid jikkonsidra li skont il-Liġi din il-korroborazzjoni mhix indispensabbli. (Artikolu 638(2)). Wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu li fil-każ ta' imputat il-grad tal-prova huwa dak tal-probabbli u mhux 'l hemm minn kull dubju raġonevoli.

Iżda l-Qorti analizzat ukoll kif tkellem l-appellant fl-istqarrija tiegħu meħuda 'a tempo vergine'. Wiżnet ukoll l-ispjegazzjoni li ta li kull direttur jaqbillu jieħu mix-xorb tal-maħżen milli jixtri x-xorb mill-ħanut tagħhom stess. Dan li qal l-appellant jaqbel mal-buon sens.

Fattur ieħor li qieset il-Qorti kien li l-appellant minn rajh ħa lill-Uffiċjali tad-Dwana ġewwa l-14 Triq Ġużè' Maria Camilleri għax dawn lanqas biss kienu jafu bih. Fil-fatt l-Uffiċjali tad-Dwana staqsewh jekk kellux proprjetajiet oħra u hu dawwarhom ma' ħames postijiet oħra. F'erba' minnhom ma nstab xejn. Li kieku l-appellant kien qed jinkwieta dwar x'hemm fil-maħżen, kien jevita li jeħodhom hemm.

Il-Qorti qieset ukoll dak li xehed Carmel Attard, uffiċjal tad-Dwana, fejn fil-kontro-eżami huwa qal li fil-maħżen huwa kien sab xorb alkoħoliku ta' marka u għamliet differenti minn dawk li hu sab fil-ħanut. (Ara fol 20).

Fl-aħħarnett il-Qorti eżaminat kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet (b) u (d) li jimxu flimkien. Dwar l-ewwel parti ta' dawn l-imputazzjonijiet, l-imputat spjega fid-dettall kif dawn il-fliexken waslu fl-istore (xjentement kellu fil-pussess tiegħu xorb alkoħoliku bla dazju). Min-naħa l-oħra l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib xi prova dwar it-tieni

parti tal-imputazzjoni ‘espona għall-bejgħ xorb alkoħoliku bla dazju’. Anzi l-imputat qal bil-ġurament fil-Qorti:

‘fil-maħżen qatt ma nżomm xorb li jkun intiż għall-bejgħ.’ (fol 47)

Wara li l-Qorti qieset dawn il-konsiderazzjonijiet flimkien, il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant ipprova l-linja difensjonali tiegħu sal-livell tal-probabbli. Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tilqa’ l-aggravji tal-Avukat Ġenerali dwar l-imputazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mat-tfittxija f’Numru 14 Triq Ġużè Maria Camilleri, il-Hamrun.

**Dwar l-imputazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mat-tfittxija fil-ħanut ‘Alfons’, Triq Manuel Magri, Hamrun.**

Dwar dawn l-imputazzjonijiet appellaw kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Ġenerali.

Fil-qosor is-sottomissjonijiet tad-difiża huma:

(a) li dawn il-fliexken kien ilhom fil-ħanut sa qabel ma daħlet is-sistema tat-tikketta. Barra dan it-tip tax-xorb misjub ilu ħafna li sparixxa mis-suq. M’hemm ebda prova li l-imputat kien xjentement involut f’tentattiv ta’ evażjoni tad-dazju.

(b) Imbagħad, safejn jidħol il-ħlas tas-sisa, dan huwa preskritt.

Min-naħa l-oħra is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar l-istess imputazzjonijiet huma:

(a) Li l-Ewwel Qorti naqset li ssib ħtija taħt il-Kap 37 u l-Kap 406. Jekk sabet ħtija fuq waħda, kellha ssib fuq l-oħrajn.

(b) Il-ħtija taħt il-kap 37 tidher taħt is-subparagrafi (f) u (g) tal-artikolu 62. Kellu jiġi applikat tal-paragrafu (a) tal-Kap 37.

(ċ) Li l-Qorti kellha tordna l-konfiska tal-fliexken.

Il-Qorti fliet sew ix-xhieda li tidher fl-atti dwar l-għaxar fliexken. Jirriżulta li, skont l-appellant-imputat, dawn il-fliexken kienu hemm meta missieru kien responsabbli għat-tmexxija tas-soċjeta' u l-missier kien ħalla t-tmexxija tal-anqas fis-sena 1999. L-appellant issottometta li huwa qatt ma kien involut fl-iżbark tal-merkanzija.

Fl-imputazzjoni (a) – jew aħjar fir-referenza tal-artikoli tal-Liġi li tidher aktar 'l isfel – hemm referenza għal dan l-artikolu mill-Kap 382 (Att Dwar Dazju tas-Sisa):

'(j) ikun b'xi mod xjentement involut f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni tad-dazju li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att.'

Il-Qorti qed tikkonsidra s-sottomissjoni tad-difiża dwar li l-Kap 382 ma għandu ebda dispożizzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni. Fuq dan il-punt kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża kif jirriżulta mit-trattazzjoni (a fol 105). (Iżda mbagħad il-Prosekuzzjoni żammet ferm li la fil-każ tal-VAT Act u lanqas fil-Każ tal-Ordinanza dwar id-Dwana ma hemm preskrizzjoni).

Is-sottomissjoni hija li la l-Kap 382 m'għandux dispożizzjoni speċjali dwar il-preskrizzjoni, u minħabba li l-piena prospettata hija waħda ta' multa, mela għandu japplika l-artikolu 688(e) tal-Kap 9 li jgħid li l-azzjoni trid issir fi żmien sentejn.

Jirrriżulta mill-atti li kienu għaddew aktar minn sentejn mit-tfittxija li saret għal meta kienet kienet intavolata ċ-ċitazzjoni (27 ta' Frar 2009).

Ġaladarba kien hemm qbil dwar dan il-punt bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża l-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju tad-difiża.[3]

---

[3] Dan il-punt legali jista', pero', jitqies mill-perspettiva tad-definizzjoni ta' 'dazju' taħt il-Kap 37 li tinkludi wkoll 'dazju tal-kumpens u dazju tas-sisa.'

Konsegwentement qed tilqa’ wkoll l-aggravju tal-appellant li ma hemmx provi ta’ evażjoni ta’ dazju fis-sens tal-artikolu hawn fuq riprodott.

L-appell tal-appellant imputat kien limitat għall-imputazzjonijiet (a) u (ċ) u dwar il-ħlas ta’ sisa biss.

**Il-Kap 37 u l-Kap 406.**

Fil-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet (a) u (ċ), il-Qorti qed tqis li l-kliem użat huwa wiesgħa biżżejjed biex jista’ japplika wkoll għal dak li jiddisponu l-paragrafi (f) u (g) tal-artikolu 62 tal-Kap 37.

M’hemmx dubju li dawn il-fliexken instabu fil-ħanut u li ma kellhomx tikketta fuqhom. Jista’ jkun wkoll li kienu ilhom żmien twil fil-ħanut bħalma qal l-imputat u li dan it-tip ta’ xorb m’għadux jimxi. Iżda kien jinkombi fuq l-appellant imputat li dawn il-fliexken ikunu konformi mal-Liġi.titwaħħal it-tikketta. Għal dabr’oħra, il-Qorti mhix qed tara raġuni għala għandha ma taqbilx mal-apprezzament tal-provi b’mod ġenerali dwar dawn l-għaxar fliexken.

L-imputat –appellant kien xjentement fil-pussess ta’ oġġetti li fuqhom ma tħallasx dazju. (ara paragrafi (f) u (g) tal-artikolu 62 tal-Kap 37. Skont il-Kap 37 u l-Kap 406, l-oneru tal-prova jaqa’ fuq imputat appellant.

‘(f) xjentement jilqa’ għandu, iżomm, jew jaħbi, jew xjentement iħalli jew jittollera, jew iġiegħel jew ifittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija pprojbita jew limitata, jew li ma ħallsux dazju, jew oġġetti li jkunu ġew imwarrba kontra l-liġi mingħajr ħlas ta’ dazju, minn maħżen ta’ depożt tal-gvern jew privat jew lok ieħor ta’ kustodja fejn ikunu ġew iddepożitati; jew
(g) xjentement jiġi fil-pussess ta’ dawn l-oġġetti;’

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) limitatament għal dak li

jiddisponu l-Kap 37 fil-paragrafi (f) u (g) tal-artikolu 62 u għal dak li jiddisponi l-artikolu 80 tal-Kap 406.

Konsegwentement qed tilqa' dik il-parti tal-appell tal-Avukat Ġenerali limitatament għal dak fejn japplikaw il-Kap 37 u l-Kap 406 biss bil-konsegwenzi u qed tiċħad kull parti tal-aggravji dwar il-Kap 382.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti għalhekk qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-18 t'Ottubru 2011 kif ġej: (a) tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-appellant-imputat mill-imputazzjonijiet immarkati (b) u (d) fiċ-ċitazzjoni u fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) u qed tħassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant-imputat għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Ewro u minflok qed tikkundannah iħallas multa komplessiva ta' €933 li terz minnhom għandu jitqies bħala dejn ċivili, b'terz minnhom dovuti bħala dejn ċivili lid-Dipartiment tad-Dwana u lid-Dipartiment tal-VAT[4], il-konfiska tal-għaxar fliexken imsemmija u qed tikkundanna lill-appellant-imputat għal piena ta' priġunerija ta' xahar liema piena għandha tibqa' sospiża għal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9.**

**Il-Qorti wissiet lill-appellant-imputat dwar il-konsegenwenzi li jista' jkun hemm jekk iwettaq xi reat matul il-perjodu indikat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ara l-ammont tal-multa dovut lid-Dipartiment tad-Dwana (terz ta' 582.34 Ewro) u lid-Dipartiment tal-VAT (terz minn 350)